**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**(Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti - Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 60/2022VG**

**Avukat Dottor Paul Cachia**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**Illum 22 ta' Jannar 2024**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat mill-Avukat Dr. Paul Cachia fit-18 ta' Lulju 2022 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal iħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi datata 9 ta' Ġunju 2022 bir-referenza IV144118 IR(S) 8105/2019 u l-Likwidazzjoni/Assessment bin-Numru IV144118 li permezz tagħhom ġiet imposta taxxa addizzjonali, penali w imgħax fuqu b'rabta mal-bejgħ bl-irkant tan-nofs indiviz (1/2) tal-garage bin-numru 13, Triq il-Konservatorju, Floriana, bl-ispejjeż kontra l-Kummissarju tat-Taxxi;

Ra d-dokumenti esebiti mir-Rikorrent markati Dok. "A" sa' Dok. "K" a fol. 6 sa' 37 tal-proċess;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' liema jopponi għall-appell tar-Rikorrent mid-deċiżjoni tiegħu datata 9 ta' Ġunju 2022 u mil-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV144118 u jitlob li l-istess jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra r-Rikorrent, in kwantu għal kollox infondat fil-fatt u fid-dritt u minflok l-imsemmija deċiżjoni u Likwidazzjoni ta' Taxxa jiġu kkonfermati;

Ra d-dokumenti esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi markati Dok. "DDT1" sa' Dok. "CTD5" a fol. 45 sa' 70 tal-proċess;

Sema' x-xhieda ta' Carmen Scerri Lautier[1], in rappreżentanza tal-Maltapost, u tar-Rikorrent[2] mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Jannar 2023;

[1] Fol. 88 u 89 tal-proċess.
[2] Fol. 90 u 91 tal-proċess.

Ra li waqt is-seduta tas-7 ta' Marzu 2023[3], ir-Rikorrent irrinunzja għall-aggravju tan-nullità tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV144118 in kwantu nħarġet *fuori termine* iżda, żamm ferm l-aggravju dwar in-nullità ta' l-istess imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa in kwantu bejgħ in subbasta mhux kopert bl-Artikolu 52 tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ra n-Nota tal-Kummissarju tat-Taxxi ppreżentata fis-17 ta' April 2023, permezz ta' liema ppreżenta dokument markat Dok. "A", li jikkonferma li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV144118 dwar il-fond 13, Triq il-Konservatorju, Floriana, ġiet ikkanċellata[4];

Ra n-Nota tar-Rikorrent ippreżentata fil-21 ta' April 2023[5], permezz ta' liema ddikjara li in vista tal-fatt li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV144118 ġiet ikkanċellata mill-Kummissarju tat-Taxxi, jifdal li fil-każ odjern jiġi deċiż biss il-kap ta' l-ispejjeż tal-kawża;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidra:**

Bil-proċeduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV144118[6] maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi relattivament għall-akkwist ta' nofs indiviż mill-garage bin-numru 13, Triq il-Konservatorju, Floriana, in forza ta' bejgħ b'liċitazzjoni, li saret bħala bejgħ fl-irkant fil-Qorti fil-11 ta' April 2019, verso l-prezz ta' €21,000[7]. Permezz ta' l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa il-Kummissarju tat-Taxxi esiġa mingħand ir-Rikorrent il-ħlas tas-somma ta' €1,450 bħala taxxa fuq il-valur addizzjonali taxxabbli ta' €29,000, flimkien mas-somma ta' €290 rappreżentanti taxxa addizzjonali u s-somma ulterjuri ta' €129.20 rappreżentanti imgħax kalkolat sad-9 ta' Ġunju 2022, komplessivament ammontanti għal **€1,869.20**.

Ir-Rikorrent jitlob li t-Tribunal iħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi datata 9 ta' Ġunju 2022[8], li biha ġiet miċħuda l-oġġezzjoni tiegħu mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV144118, **u** l-Likwidazzjoni ta' Taxxa imsemmija. Huwa jibbaża l-appell tiegħu fuq is-segwenti aggravji: (i) il-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV144118 hija nulla għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi stante li inħarġet tardivament, ossia oltre t-terminu statutorju perentorju ta' sena stipulat fl-Artikolu 51 tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) il-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV144118 hija nulla għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi stante li fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri, u cioè qabel l-emendi introdotti bis-saħħa ta' l-Att XVIII ta' l-2021, il-Kummissarju tat-Taxxi ma kellu l-ebda setgħa ai termini tal-Liġi, senjatament ta' l-Artikolu 52 tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta, li jiddetermina u joħroġ Likwidazzjoni ta' Taxxa fil-konfront ta' proprjetà akkwistata permezz ta' bejgħ in subbasta; (iii) il-prezz minnu mħallas għall-proprjetà in kwistjoni huwa wieħed reali u ġust u l-istima tal-Perit inkarigat mill-Kummissarju tat-Taxxi hija eċċessiva għaliex ma tieħux in konsiderazzjoni diversi fatturi li jolqtu l-istess proprjetà; u (iv) ir-rata ta' taxxa applikata mill-Kummissarju tat-Taxxi, ossia dik ta' 5%, ma hijiex applikabbli fil-każ in eżami stante li ladarba l-proprjetà in kwistjoni tinsab f'*urban conservation area*, ir-rata ta' taxxa applikabbli hija dik ta' 2.5%.

[3] Fol. 92 tal-proċess.
[4] Fol. 93 u 94 tal-proċess.
[5] Fol. 97 tal-proċess.
[6] Dok. "A" a fol. 6 u 7 tal-proċess.
[7] Dok. "C" a fol. 13 tal-proċess.
[8] Fol. 9 sa' 11 tal-proċess.

Il-Kummissarju tat-Taxxi inizjalment oppona għall-appell tar-Rikorrent mid-deċiżjoni tiegħu datata 9 ta' Ġunju 2022 u mil-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV144118 u talab li l-istess appell jiġi miċħud u minflok l-imsemmija deċiżjoni u Likwidazzjoni ta' Taxxa jiġu kkonfermati stante li: (i) kuntrarjament għal dak pretiż mir-Rikorrent, il-Likwidazzjoni ta' Taxxa in kwistjoni ma nħarġitx *fuori termine*; (ii) l-Artikolu 32(1) tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta, jagħti lill-Kummissarju tat-Taxxi s-setgħa li jiġbor taxxa ai termini ta' l-imsemmi Att tal-Liġi fuq kull dokument u fuq kull sentenza, digriet jew ordni ta' kull Qorti jew awtorità oħra leġittima, li bihom immobbli jew xi dritt reali fuq immobbli jiġi trasferit fuq persuna. Il-Leġislatur ma riedx li tali setgħa tiġi eżerċitata biss meta t-trasferiment *inter vivos* ta' proprjetà immobbli jew dritt reali fuq proprjetà immobbli jseħħ b'att pubbliku, iżda ried li tiġi eżerċitata fuq kull trasferiment, salv dawk l-eċċezzjonijiet minnu stess stabiliti fl-Artikolu 32(3) tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta. A bażi ta' dan, l-interpretazzjoni korretta ta' l-Artikolu 52(1) tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta, hi li l-Kummissarju tat-Taxxi jista', fil-każijiet kongruwi, joħroġ Likwidazzjoni ta' Taxxa anke fir-rigward ta' proprjetà immobbli jew dritt reali fuq immobbli trasferit a bażi ta' sentenza tal-Qorti permezz ta' bejgħ in subbasta; (iii) l-istima tal-valur reali tal-proprjetà akkwistata mir-Rikorrent, ossia tan-nofs indiviż minnu akkwistat tal-garage Nru.13, Triq il-Konservatorju, Floriana, hija ġusta u tirrifletti l-valur reali tal-proprjetà fuq is-suq miftuħ fiż-żmien ta' l-akkwist, hekk kif joħroġ ċar mill-fatt ukoll li meta r-Rikorrent u l-ko-proprjetarji l-oħra tal-garage in kwistjoni biegħu l-ishma tagħhom lil terza persuna, tali trasferiment sar versu l-prezz globali ta' €110,000; u (iv) jekk fuq l-avviż tat-trasferiment lill-Kummissarju tat-Taxxi ai termini ta' l-Artikolu 51 tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jiġix indikat li l-proprjetà tinsab f'*urban conservation area* u ma jiġix magħdud miegħu ċ-ċertifikat uffiċjali ta' l-eżenzjoni in kwistjoni, il-Kummissarju tat-Taxxi ma jistax, u f'dan il-każ ma setgħax, awtomatikament jistma' t-taxxa a bażi tar-rata pretiża mir-Rikorrent.

Tul is-smigħ ta' dawn il-proċeduri seħħew diversi żviluppi li jeffettwaw u sa ċertu punt ukoll jiddettaw, dak li dwaru dan it-Tribunal jista' jagħti deċiżjoni:

1. Fl-ewwel lok, waqt is-seduta tas-7 ta' Marzu 2023[9], ir-Rikorrent irrinunzja għall-aggravju tan-nullità tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV144118 in kwantu nħarġet *fuori termine* iżda, żamm ferm l-aggravju dwar in-nullità ta' l-istess imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa in kwantu bejgħ in subbasta mhux kopert bl-Artikolu 52 tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Permezz ta' Nota ppreżentata fis-17 ta' April 2023[10], il-Kummissarju tat-Taxxi ressaq dikjarazzjoni u prova li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV144118 maħruġa fil-konfront tar-Rikorrent ġiet, ikkanċellata[11];
3. Permezz ta' Nota ppreżentata fil-21 ta' April 2023[12], ir-Rikorrent osserva li fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi li biha ddikjara li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV144118 maħruġa fil-konfront tiegħu ġiet ikkanċellata, jifdal li fil-każ odjern jiġi deċiż biss il-kap ta' l-ispejjeż tal-kawża.

Ftit li xejn għandu jkun hemm dubju li una volta li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV144118 ġiet ikkanċellata, il-mertu ta' dawn il-proċeduri ġie eżawrit u b'hekk it-Tribunal għandu jastjeni li jieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu. Fin-nuqqas ta' xi forma ta'

[9] Fol. 92 tal-proċess.
[10] Fol. 93 tal-proċess.
[11] Fol. 94 tal-proċess.
[12] Fol. 97 tal-proċess.

qbil bejn il-partijiet dwar l-ispejjeż però, ma hemmx triq oħra għajr li din il-kwistjoni tiġi deċiża minn dan it-Tribunal.

Mill-atti proċesswali u senjatament mir-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi jirriżulta li l-istess Kummissarju jikkontendi li kuntrarjament għal dak pretiż mir-Rikorrent, huwa kellu s-setgħa ai termini tal-Liġi li joħroġ Likwidazzjoni ta' Taxxa fil-konfront tar-Rikorrent anke jekk it-trasferiment f'dan il-każ seħħ fil-kuntest ta' bejgħ b'liċitazzjoni. In effetti fir-Risposta tiegħu jgħid: *huwa dejjem baqa' kostanti u żamm ferm mal-pożizzjoni tiegħu fir-rigward is-setgħa mgħotija mil-liġi sabiex huwa jistma' u jiġbor it-taxxa fuq trasferiment ta' proprjetà immobbli permezz ta' subbasta u dan abbażi tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta u dan senjatament tramite d-definizzjonijiet li jinsabu fl-artikolu 2, l-artikolu 32(1) u ta' l-artikolu 52 applikabbli fiż-żmien tat-trasferiment. Illi in oltre l-Kummissarju tat-Taxxi jirrimarka wkoll illi l-emendi referuti mill-appellant ma daħlux fis-seħħ għaliex il-liġi kienet b'xi mod teskludi l-ġbir ta' taxxa fuq trasferimenti li jseħħu permezz ta' subbasta. Illi l-Kummissarju jistqarr li dan qatt ma kien il-każ. Illi fiż-żmien tat-trasferiment in kwistjoni, l-artikolu 2 u l-artikolu 32 kienu diga ab inizio jistipulaw kif u meta għandha tinġabar it-taxxa, f'liema każ it-trasferiment ta' proprjetà immobbli li jseħħ permezz ta' digriet/sentenza bħal ma huwa fil-każ ta' bejgħ b'subbasta, kien ukoll suġġett għal ġbir ta' taxxa. Dan joħroġ ċar mid-definizzjoni rispettiva tal-kliem 'dokument' u 'trasferiment' mogħtija fl-Artikolu 2 tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta fiż-żmien li ġiet ittrasferita l-proprjetà in kwistjoni, liema definizzjonijiet juru bl-iktar mod ċar l-intenzjoni tal-Leġislatur illi altru milli jiddistingwi u jiddefinixxi t-tip ta' att ta' trasferiment jagħmilha ċar li ma ried jeskludi ebda tip ta' mezz ta' trasferiment ta' immobbli. Illi in oltre, fil-mument li seħħ it-trasferiment, l-artikolu 32(1) kien jistipula: "Għandha titħallas fuq kull dokument u fuq kull sentenza, digriet jew ordni ta' kull qorti jew awtorità oħra leġittima, li bihom ħaġa immobbli jew xi dritt reali fuq xi immobbli jiġi trasferit lil xi persuna u fuq kull dikjarazzjoni magħmula skont l-artikolu 33, għar-rigward ta' persuni li minnhom joriġina t-trasferiment causa mortis li mietu fi jew wara t-23 ta' Novembru 1999, taxxa ta' ħames euro (5) għal kull mitt euro (100) jew parti minnha ta' l-ammont jew tal-valur ta' dak li jingħata bi ħlas tal-ħaġa trasferita jew tal-valur ta' dik il-ħaġa, liema jkun l-akbar. Dan ifisser li għall-finijiet ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti, il-kunċett ta' "dokument" u/jew "att ta' trasferiment" u/jew ta' "kuntratt ta' trasferiment" ma għandux ikun limitat għall-akkwist ta' proprjetà immobbli permezz ta' kuntratt pubbliku biss, iżda kif tistipula wkoll il-liġi, għandu jinkludi dawk it-trasferimenti inter vivos ta' proprjetà immobbli li huma ekwiparabbli għal trasferiment permezz ta' kuntratt pubbliku. Illi in oltre l-artikolu 32(1) ma jagħmel l-ebda distinzjoni jew esklużjoni dwar il-forma jew it-tip ta' att li bih isir it-trasferiment ta' proprjetà immobbli li għandha tiġi soġġetta għat-taxxa u dan billi l-istess artikolu jispeċifika tramite l-kelma "kull" li mingħajr eċċezzjoni għandha titħallas it-taxxa fuq kull dokument, kull sentenza/digriet/ordni ta' kull qorti jew awtorità oħra leġittima li permezz tagħhom ħaġa immobbli tiġi ttrasferita. Illi fil-każ odjern it-trasferiment sar permezz ta' sentenza/digriet fejn ġiet ordnata l-liberazzjoni tal-proprjetà immobbli in kwistjoni. Liema trasferiment kif jiddetta l-istess artikolu huwa soġġett għat-taxxa u konsegwentement ikun ifisser ukoll illi jkun soġġett għar-reviżjoni.*
Hawn it-Tribunal ma jistax ma jagħmilx referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. v. Kummissarju tat-Taxxi**, **Appell Nru. 69/17**, deċiża fl-10 ta' Diċembru 2021[13], fir-

[13] Hemm ukoll fuq l-istess punt is-sentenza fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. v. Kummissarju tat-Taxxi, Rik. Nru. 68/2017, deċiża fl-10 ta' Diċembru 2021.

rigward ta' dak provdut fl-Artikolu 32(1) tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' dak provdut fl-Artikolu 52 tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta, qabel ma ġie emendat bl-Att XVIII ta' l-2021, u l-korrelazzjoni ta' bejniethom fir-rigward tas-setgħat tal-Kummissarju tat-Taxxi li ai termini ta' l-imsemmi Artikolu 52(1)(4) tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta, joħroġ Likwidazzjoni ta' Taxxa għall-ħlas ta' taxxa u taxxa addizzjonali/penali, fir-rigward ta' proprjetà immobbli trasferita jew dritt reali fuq proprjetà immobbli trasferit in forza ta' bejgħ in subbasta.

L-imsemmija provvedimenti tal-Liġi jipprovdu s-segwenti: *għandha titħallas fuq* ***kull dokument u fuq kull sentenza, digriet jew ordni ta' kull Qorti jew awtorità oħra leġittima***[14]*, li bihom ħaġa immobbli jew xi dritt reali fuq xi immobbli jiġi trasferit lil xi persuna u fuq kull dikjarazzjoni magħmula skond l-artikolu 33, għar-rigward ta' persuni li minnhom joriġina t-trasferiment causa mortis li mietu fi jew wara t-23 ta' Novembru 1999, taxxa ta' ħames euro (5) għal kull mitt euro (100) jew parti minnha ta' l-ammont jew tal-valur ta' dak li jingħata bil-ħlas tal-ħaġa trasferita jew tal-valur ta' dik il-ħaġa, liema jkun l-akbar* - Artikolu 32(1) tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta. *Meta l-Kummissarju jkun sodisfatt li l-prezz jew dak li jkollu jingħata bi ħlas jew valur għal immobbli* ***kif dikjarat f'kuntratt ta' trasferiment jew f'dikjarazzjoni ta' trasferiment causa mortis magħmula skont l-artikolu 33***[15]*, ikun inqas minn ħamsa u tmenin fil-mija tal-valur reali jew ta' dak li jkollu jingħata bi ħlas kif stabbilit mill-Kummissarju, jew ikun inqas minn dak li jkollu jingħata bi ħlas li jirriżulta lill-Kummissarju li jkun fil-fatt tħallas mal-att, jew meta dikjarazzjoni li kellha ssir skont l-artikolu 33 ma tkunx saret, huwa għandu jgħaddi biex jiddeċiedi b'ordni bil-miktub l-ammont ta' taxxa dovuta fuq id-differenza bejn il-valur jew dak li jkollu jingħata bi ħlas dikjarat fil-kuntratt u l-valur jew dak li jkollu jingħata bi ħlas għall-immobbli kif stabbilit jew kif jirriżulta lill-Kummissarju li jkun attwalment tħallas jew it-taxxa li kellha titħallas fuq dikjarazzjoni, skont il-każ, u għandu jagħmel stima skont il-każ...* - Artikolu 52(1) tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta, <u>qabel ma ġie emendat bl-Att XVIII ta' l-2021</u>, u *meta l-Kummissarju jkun stabbilixxa li l-valur ta' l-immobbli kif dikjarat* ***fl-att ta' trasferiment jew f'dikjarazzjoni ta' trasferiment causa mortis***[16] *ikun inqas minn ħamsa u tmenin fil-mija tal-valur reali jew ta' dak li jkollu jingħata bi ħlas kif stabbilit fis-subartikolu (1) jew meta fil-fehma tal-Kummissarju l-kuntratt ta' trasferiment jew l-att ta' dikjarazzjoni magħmulin skont l-artikolu 33 ma jkunux jirriflettu l-kondizzjonijiet veri tat-trasferiment, il-persuna li tittrasferixxi fi trasferiment inter vivos u l-persuna li tirċievi t-trasferiment għandhom iħallsu taxxa addizzjonali ekwivalenti għal għoxrin fil-mija (20%) tal-ammont ta' taxxa stmata mill-Kummissarju kif imsemmi qabel* - Artikolu 52(4) tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta, **qabel ma ġie emendat bl-Att XVIII ta' l-2021**.

Fir-rigward fis-sentenza iktar 'l fuq ċitata, il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) osservat illi: *il-Qorti tirrileva li meta wieħed jikkonsidra ċ-ċirkostanzi partikolari li fihom isir bejgħ bis-subbasta, tasal biex tifhem għal liema raġuni l-leġislatur uża diċitura differenti fiż-żewġ artikoli ċċitati. Hemm loġika wara l-esklużjoni ta' dawn it-tipi ta' trasferimenti mill-applikazzjoni tal-artikolu 52 tal-Kap. 364, u ladarba l-liġi ma issemmi xejn dwar trasferimenti ta' din ix-xorta u ma tinkludihomx taħt l-applikazzjoni tal-artikolu 52, il-appellat ma kellux jikkonsidra dat-tip ta' trasferimenti ukoll għall-finijiet tal-impożizzjoni ta' taxxa addizzjonali u penali. M'għandux ikun li*

[14] Enfasi tat-Tribunal.
[15] Enfasi tat-Tribunal.
[16] Enfasi tat-Tribunal.

*bejgħ li jsir taħt l-awtorità tal-Qorti jiġi rivedut mill-ġdid minn uffiċjal pubbliku bħal ma huwa l-Kummissarju tat-Taxxi, u meta l-Kummissarju appellat ħareġ taxxa addizzjonali u penali fuq trasferiment li sar taħt l-awtorità tal-Qorti, dan arroga għalih innifsu poteri li lleġislatur fil-fatt ma tahx.*

Fid-dawl ta' dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. v. Kummissarju tat-Taxxi**, it-Tribunal iqis li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV14118 maħruġa fil-konfront tar-Rikorrent mill-Kummissarju tat-Taxxi, u illum kanċellata mill-istess imsemmi Kummissarju tat-Taxxi, fil-fatt ma kellhiex tinħareġ in kwantu mhux sopportata minn dak provdut fl-Artikolu 52 tal-Kap.364 tal-Liġijiet ta' Malta kif applikabbli qabel l-emendi li daħlu fis-seħħ bis-saħħa ta' l-Att XVIII ta' l-2021. Konsegwentement għalhekk, l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mill-Kummissarju tat-Taxxi.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal, filwaqt li jiddikjara l-mertu ta' dawn il-proċeduri eżawrit, in kwantu l-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV144118 maħruġa fil-konfront tar-Rikorrent ġiet ikkanċellata mill-Kummissarju tat-Taxxi, u b'hekk jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu, jaqta' u jiddeċiedi li l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mill-Kummissarju tat-Taxxi.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**